MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Numru 127/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Victor Aquilina)**
**(Spt. Kevin J. Farrugia)**
**vs**
**Jacques (Jacques-Marie) Bonett**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jacques (Jacques-Marie) Bonett** ta’ 36 sena, bin Jean u Emily nee’ Cassar, imwieled Attard nhar id-9 t’April, 1968, residenti ‘Manchester’, No.9 Flt 1, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Balzan u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 168668(M);

1. Talli nhar fis-26 ta’ Jannar, 2005 ghall-habta tas-2.30pm, waqt li kont fi Triq l-Imdina gewwa Hal-Balzan ikkommetta serq ta’ mobile phone tal-marka ‘Motorola’, u

zewg cheque books mahruga mill-Bank of Valletta p.l.c ghad-dannu ta' Anthony Lia detentur tal-karta tal-identita' 476550(M) liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur u xorta ta' haga misruqa;

2. Aktar talli bejn is-27 ta' Jannar, 2005 u t-3 ta' Frar, 2005, f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq bl-istess cheque book ta' aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1,000 ghad-dannu ta' diversi persuni u l-bank kummercjali Bank of Valletta p.l.c liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u xorta ta' haga misruqa;

3. Aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien f'dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-partijiet, dispossizzjonjiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom ghad-dannu ta' diversi persuni u l-bank kummercjali Bank of Valletta p.l.c;

4. Aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien f'dawn il-gzejjer xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza ghad-dannu ta' Anthony Lia detentur tal-karta tal-identita' 476550(M) u l-bank kummercjali Bank of Valletta p.l.c;

5. Aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz hew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1,000 bi hsara ta' Anthony Lia detentur tal-karta tal-identita' 476550(M) u l-bank kummercjali Bank of Valletta p.l.c;

6. Aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien f’dawn il-gzejjer iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta’ oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank, jew stabbiliment pubbliku, jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

7. Aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien f’dawn il-gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom;

8. Aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien f’dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat u cioe’ cheque book mahruga minn awtorita pubblika ghad-dannu ta’ Anthony Lia detentur tal-karta tal-identita’ 476550(M) u l-bank kummercjali Bank of Valletta p.l.c;

9. Aktar talli fis-26 ta’ Jannar, 2005 ghall-habta tas-2.30p.m, waqt li kont fi Triq l-Imdina gewwa Hal-Balzan volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe’ fuq vettura ta’ l-ghamla Subaru Forester bin-numru tar-registrazzjoni DBL-279 ghad-detriment ta’ Anthony Lia detentur tal-karta ta’ l-identita’ 476550(M), mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin [Lm500] izda izjed minn hamsin lira Maltin [Lm50].

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz Anthony Lia kien ghamel rapport mal-pulizija illi meta kien acceda d-dar tieghu biex jigbor xi affarijiet, meta xi zewg minuti wara hareg u r-ra t-tieqa tal-vettura tieghu imkissra. Huwa innota illi l-mobile phone tieghu ma kienx ghadu hemm. Dakinhar stess beda jircievi telefonati fis-sens illi c-cheques li kien hareg ma kienux qed ikunu onorati. Hemm induna illi mil-vettura kienu insterqu ukoll zewg cheque books. Ix-xhud gharaf ic-cheque books esebiti mill-prosekuzzjoni u hemm innota illi uhud minnhom kienu iffirmati in bjank izda dik il-firma ma kienitx tieghu.

PS 1270 xehed illi kien sarlu rapport li persuna kienet xtrat top-up vouchers fl-ammont ta' Lm140, hallset b'cheque izda irrizulta illi c-cheque kien misruq. Xehed ukoll dwar rapport simili dwar xiri ta' 15-il top up voucher ta' Lm5-il wiehed. PS 38 xehed ukoll dwar rapport li kien sarlu minn ricevitur tal-lottu illi persuna kienet xtrat 11-il top-up voucher tal-Lm5 u tnejn tal-Lm10, hallset b'cheque li ma kienx onorat. PS 1594 xehed dwar xiri ta' top-up cards minn hanut f'Santa Lucia ghall-ammont ta' Lm115 mhallsa b'cheque li ma ssarafx peress illi dan kien invalidu. Din is-sitwazzjoni okkorriet ukoll tas-Sliema b'cheque valur ta' Lm50 skond rapport li kien sar lil PS 1575. PS 16 Martin Cordina ukoll xehed dwar rapport li sarlu li persuna dahlet f'hanut f'Tas-Sliema u talbet ghall-50 top-up voucher izda is-salesman tah biss dak li kellu u cioe 15-il card. F'kull okkazzjoni ic-cheques kienu jappartjenu lis-socjeta ta' Anthony Lia.

Ikkunsidrat:

Illi l-persuni kollha li bieghu it-top-up cards lill-imputat, hlief wiehed, gharfu lill-istess imputat bhala l-persuna li xtrat il-cards u li hallset permezz tac-cheques;

Illi ukoll l-prosekuzzjoni esebiet zewg starrijiet tal-imputat (ara fol 57 u 60 tal-process). Fl-ewwel stqarrija l-imputat ikkonferma li kien hu li xtara dawk it-top-up cards kollha u hallas ghalihom bic-cheques tas-socjeta' tal-imputat. Huwa cahad li kien hu li seraq ic-cheque book u l-mobile ta' Anthony Lia. Fi stqarrija ohra huwa kkonferma li wara

li kien rilaxxjat mill-arrest rega mar fi hwienet ohra, xtara l-cards bic-cekkijiet u mar ibieghom. Huwa kkonferma ukoll illi fid-dar tieghu instabu c-cheque books li minnhom kien qed jiehu biex jixtri l-cards izda cahad li kien seraqhom hu u stqarr li dawn kien sabhom fuq bus stage;

Ikkunsidrat:

Illi minn dawn il-provi jirrizulta illi l-prosekuzzjoni ippruvat fil-grad li trid il-ligi illi l-imputat kien il-persuna li b'qerq xtrat ammont ta' top-up vouchers minghand diversi persuni, hallset ghalihom b'cheques li kienu misruqa, ghamlet firem foloz fuq dawn ic-cekkijiet, u ghamlet dikjarazzjnoijiet foloz biex takkwista il-cards. Id-diversi sidien tal-hwienet u impjegati taghhom gharfu lill-imputat bhala l-persuna li kienet responsabbli minn dawn it-transazzjonijiet u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex diffikulta tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi 2,3,4,5,6 u 8.

L-imputat huwa akkuzat ukoll illi seraq dawn il-cheque books kif ukoll mobile phone u b'kap alternattiv li laqa' ghandu oggetti misruqa (akkuzi 1 u 7) u li ghamel hsara fil-vettura ta' Anthony Lia biex seraq dawn l-oggetti. Wara ezami bir-reqqa tal-atti processwali jirrizulta illi l-imputat intlemah jitlaq jigri minn fejn il-vettura tad-derubat. Huwa kkonferma dan fl-istqarrija tieghu meta kkonrontat b'dan il-fatt mill-Pulizija minkejja li cahad illli kien hu responsabbli ghas-serq u hsarat. In-ness bejn il-fatti tal-kaz u l-imputat huma prossimi bizzejjed biex din il-Qorti tikkonkludi illi ma hemmx spjegazzjoni ohra ghajr li kien l-imputat stess li seraq dawn ic-cheque books. Huwa ddikjara li sabhom fuq bus stage izda din id-dikjarazzjoni mhix wahda plawsibbli. Ghal dawn il-mottivi qed issib lill-imputat hati ukoll tal-ewwel u d-disa akkuza. Stante li s-seba akkuza hija wahda alternattiva ta' ricetazzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha u tilliberah minnha;

Wara li rat l-artikoli 261 (b) (c) u (g), 263, 267, 271, 278 (2), 279, 281, 183, 184, 308, 167, 169 u 325 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------